MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1277/2008

**HSBC Bank Malta plc**

**-vs-**

**Anthony Muscat f'ismu proprju u għan-nom ta' wliedu minuri Luke, Eman u Norbert Muscat, Josephine *sive* Josette Muscat mart l-istess Anthony, Alan Muscat, Joseph Muscat u Analise Muscat**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2008 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

1. Illi fit-13 ta' Frar 2007 ġiet liberata, *'inter alia'*, a favur tar-rikorrenti s-segwenti proprjeta' u cioe':

Il-*flat* internament markat numru wieħed (1) fuq l-ewwel sular, li jinsab fuq in-naħa tax-xellug meta wieħed iħares

lejn il-blokk mit-triq, formanti parti minn blokk mingħajr numru li jġib l-isem “Wincester Court”, fi Triq Santa Rita, ġja’ triq ġdida aċċessibbli minn Carla Lane f’Birkirkara, liberu u frank, liema blokk, jikkonfina mill-punent ma’ proprjeta’ ta’ Marie Tabone, mit-tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ George Pisani u mil-lvant ma’ Carla Lane, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u liema fond inxtara bil-prezz ta’ għaxart elef u ħames mitt lira Maltin (Lm10,500) *animo compensandi* kif jirriżulta mill-anness dokument ‘A’;

2. Illi dan il-fond kien jappartjeni lill-intimati Anthony u Josephine *sive* Josette konjugi Muscat u huwa llum okkupat u detenut mill-istess intimati u wliedhom l-intimati l-oħra f’dan ir-rikors u dana abbusivamanet u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi kif jirriżulta mill-anness dokument ‘B’;

3. Illi s-soċjeta’ rikorrenti tixtieq tiżgombra lill-intimati mill-proprjeta’ in kwistjoni u għalkemm l-istess intimati ġew interpellati sabiex jagħmlu dan huma baqgħu inadempjenti;

4. Illi jeżistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta’ Malta għal eżenzjoni mis-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta’ rikorrenti l-intimati m’għandhomx eċċezzjonijiet xi jġibu kontra dina t-talba ta’ żgumbrament u dana kif jirriżulta wkoll mill-anness affidavit dokument ‘C’;

Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qegħda tiġi mitluba sabiex, għar-raġunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta’ Malta;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati qegħdin jokkupaw u jiddetjenu abbusivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, il-proprjeta’ fuq imsemmija u cioe’ l-appartament numru wieħed (1) ‘Wincester Court’, Triq Santa Rita, Birkirkara kif aħjar fuq deskritt;

2. Tordna għalhekk, l-iżgumbrament ta’ l-intimati mill-istess imsemmija proprjeta’ u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa jibqgħu mħarrka għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra nkluża dik għad-danni spettanti lis-soċjeta’ rikorrenti kontra l-intimati skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta ġuramentata u għalhekk huma kontumaċji skond il-liġi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Marzu 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prokuratur Legali Adrian Borg għall-bank attur ikkonferma fis-seduta msemmija li s-sitwazzjoni baqgħet kif kienet meta ġiet preżentata l-kawża;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi billi:**

**1. Tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw bla titolu l-fond imsemmi fir-rikors;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti jiżgombraw mill-appartament in kwistjoni fi żmien tlett xhur.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------